

Brussell, 12 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10694/21
ADD 1

PROBA 26
AGRI 335
WTO 179
DEVGEN 138
FORETS 37

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 374 final - Annex
Suġġett:	ANNESS tar-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè 2007

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 374 final - Annex.

Mehmuż: COM(2021) 374 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2021
COM(2021) 374 final

ANNEX

ANNESS

tar-

Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè
2007**

ANNEX

Direttivi ta' negozjati dwar il-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè 2007

Il-Kummissjoni tista' tidħol f'negozjati mal-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè 2007 ("il-Ftehim") fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè ("ICO") bil-ħsieb li timmodernizza l-Ftehim, filwaqt li tqis ukoll l-evoluzzjoni fis-settur tal-kafè.

Jenħtieġ li r-rieżami tal-Ftehim itejjeb il-governanza tal-ICO, jivvaluta l-bilanċ tas-sistemi ta' votazzjoni u ta' kontribuzzjoni u jindirizza l-integrazzjoni tas-settur privat u tas-soċjetà ċivili fil-ħidma tal-ICO.

L-Unjoni hija membru tal-Grupp ta' Ħidma għall-Futur tal-Ftehim ("WGFA", Working Group for the Future of the Agreement) tal-ICO, li bħalissa qed jaħdem fuq rakkomandazzjonijiet għall-bidliet li għandhom jiġu introdotti fl-ICA 2007 u li se jsegwu l-oġettivi mressqa mill-Istati Membri tal-Unjoni fil-Korpi Internazzjonali tal-Prodotti Bażiċi ("ICBs", International Commodity Bodies).

Jenħtieġ li d-direttivi ta' negozjati jqisu l-oġettivi tas-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-ftehim filwaqt li jżommu r-rwol intergovernattiv tal-ICO li wiegħdu l-Membri tal-ICO.

1. GOVERNANZA

Kunsill Internazzjonali tal-Kafè (ICC)

Rigward il-perjodiċità tal-laqgħat tal-ICC, jenħtieġ li tinżamm is-sistema attwali ta' żewġ laqgħat fis-sena. Waħda mil-laqgħat tista' tkun virtwali.

Jenħtieġ li l-President u l-Viċi President tal-ICC ikollhom mandat ta' sena biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-membri kollha tal-ICO għal proċess ta' deċizzjoni. Il-Viċi President jista' jkollu rwol imsaħħaħ fl-ICC. Biex jibbenefika mill-esperjenza miksba, il-Viċi President jista' jesprimi l-interess tiegħu lill-Kunsill li jsir President wara l-ewwel sena. Il-Kunsill jista' jaċċetta jekk il-Viċi President ikun wera li huwa xieraq.

Kumitati tal-ICO

Jekk ikun rilevanti fil-ħidma tagħhom, jenħtieġ li l-fużjoni tal-kumitati tal-ICO tiġi inkoraġġuta bħala parti mir-razzjonalizzazzjoni tal-ICO. Jenħtieġ li tiġi inkoraġġuta wkoll aktar parteċipazzjoni tal-Membri fil-ħidma tal-kumitat.

Konferenza Dinjija tal-Kafè ("WCC", World Coffee Conference)

Jenħtieġ li tinżamm il-perjodiċità attwali ta' WCC ta' livell għoli kull erba' jew ħames snin, iżda bi flessibbiltà biex tadatta għal ċirkustanzi speċifiċi jew sitwazzjoni partikulari (eż. bidla fis-sitwazzjoni tas-suq tal-kafè, avveniment estern li jkollu effett fuq is-settur tal-kafè, eċċ.)

2. VOTI U KONTRIBUZZJONIJIET

Membri li jesportaw u li jimportaw

Jenħtieġ li tinżamm id-diviżjoni bejn il-membri li jesportaw u dawk li jimportaw bħala prinċipju bażiku rilevanti għall-proċess tad-deċizzjoni f'haġna ICBs.

Metodu ta' kalkolu għall-voti u l-kontribuzzjoni

L-arranġament attwali ibbażat fuq volumi ta' kaċċ esportat jew importat jidher li jikkostitwixxi l-aktar sistema ħafifa u affidabbli għall-kalkolu tad-drittijiet ta' votazzjoni u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' kull Membru għall-Baġit Amministrattiv tal-ICO. Madankollu, tista' tiġi esplorata r-rilevanza ta' sistemi oħra (eż. il-valur tal-esportazzjonijiet/importazzjonijiet, is-sistemi mħallta, eċċ.) użati f'ICBs oħra b'indikazzjonijiet tal-konsegwenzi tal-użu tagħhom għall-ICO.

3. PARTEĊIPAZZJONI TAS-SETTUR PRIVAT U TAS-SOĊJETA' ĊIVILI

Jenħtieġ li s-settur privat u s-soċjetà ċivili jiġu integrati aħjar fil-proċess ta' ħidma fl-ICO. Jenħtieġ li jiġu esplorati formuli differenti biex jinstab l-aħjar mod biex dawn jipparteċipaw aktar mill-qrib fil-kuntest ta' ftehim modernizzati.

Fir-rigward tal-eliġibbiltà tas-settur privat, jenħtieġ li l-Ftehim jirrikonoxxi d-diversità tiegħu, minn produttori żgħar għal kumpanija multinazzjonali kbira, u r-rwoli potenzjali rispettivi tagħhom fl-ICO.

Preferibbilment tiġi promossa l-parteċipazzjoni ta' assoċjazzjonijiet kummerċjali/professjonali, iżda jekk tiġi proposta l-parteċipazzjoni ta' korporazzjonijiet individwali għall-ICO, jenħtieġ li jiġu esplorati salvagwardji legali biex tiġi żgurata l-indipendenza tal-ICO.

Jenħtieġ li l-proċess tal-approvazzjoni għall-parteċipazzjoni tas-settur privat u tas-soċjetà ċivili fil-każ ta' kumpaniji jew organizzazzjonijiet nazzjonali jgħaddi mill-Membru tal-ICO kkonċernat.

Madankollu, jenħtieġ li kull moviment għal integrazzjoni aħjar tas-settur privat jippreserva l-karattru intergovernattiv tal-ICO.